KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 60

Is-sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Punti mqajma mill-Minuti*
3. *Komunikazzjoni mis-Sindku*
4. *Korrispondenza*
5. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
6. *Qsari imqegħda fuq bankini*
7. *Aġġornament fuq il-Cleaning Strategy*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Saret korrezzjoni f'punt numru 2.9 li l-aħħar tas-sentenza tinqara 'is-smiegħ qabel Novembru 2016'. *Korrezzjoni tal-minuti*

1.2 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Is-Sindku propona. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **PUNTI MQAJMA MIL -MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 2.7 u saqsa dwar id-dawll għall-*outdoor gym*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn se jinbiddlu. *Out door gym*

*Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta fis-18.16*

2.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.15 dwar l-istima ta' xogħol fi Triq Censu Xerri li l-ispiza hija waħda għolja. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li tista issir biċċa xogħol bil-katusa u b'*culvert* u l-ispiza tiġi irħass. Kien hemm qbil dwar dan. *Triq Censu Xerri*

2.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 2.4 u saqsa għall rapport mit-*Tourism Police.* Is-Sindku kien qiegħed iressaq dan il-punt waqt il-laqgħa tat-*Tourism Zones* u dawn qalu li jridu jkunu aktar infurmati u attrezzati biex jieħdu azzjoni aħjar. Is-SE għandu jkellem lil AC Martin Sammut. *Tourism Police*

2.4 Dwar punt 2.9 dwar *Regina car park*, is-SE għandu jibgħat *reminder* lis-Segretarju tal-Bord biex is-smiegħ isir għall-aħħar ta' Novembru, 2016. *Regaina car park*

2.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar punt 4.4 dwar l-*istands* ta' *tourist maps*. Is-Sindku informa li iltaqa' magħhom u se jkun qiegħed jintlaħaq ftehim bħala tip ta' kumpens. Il-Kunsilliera prezenti ma sabux oġġezzjoni li jsiru dawn l-istands b'dawn il-kundizzjonijiet: *Stands – Tourist maps*

1. li jkollhom manutenzjoni tajba u l-Kunsill jirriserva d-dritt li jaqla dawn l-*istands* f'kaz li dawn ma jiġux mizmuma.
2. li dawn ma jimblukawx l-aċċess.
3. għandu jsir ftehim bil-miktub

2.6 Is-Sindku irrefera għall-punt 4.2 dwar id-Day Centre. Il-Kunsill ġie infurmat dwar li l-ispiza biex ikun hemm trasport provdut għad-Day Centre u din se tiġi tiswa madwar Ewro 8,400 għal ħmistax il-persuna. Il-Kunsill iddiskuta li din se tiġi spiza u li m'għandux fondi bizzejjed. Min-naħa l-oħra l-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li mhux sewwa li hemm *Day Centre* u m'hemmx trasport għalih. Ġie nnotat li kien hemm xi residenti li kienu lesti li jħallsu parti zgħira, madankollu jibqa l-fatt li l-Kunsill m'għandux fondi bizzejjed. *Trasport – Day Centre*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.34*

2.7 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lil Ministru Justine Caruana biex jinfurma dwar din il-problema. Kien hemm qbil dwar dan.

2.8 Dwar punt 4.6 dwr manutenzjoni fit-toroq, is-SE informa li se jkun qiegħed jiltaqa' mal-perit. *Manutenzjoni fit-toroq*

2.9 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 5.3 dwar il-laqgħa li kellha ssir dwar il-*cleaning strategy*. Il-Kunsilliera P. Portellii issuġġerixxa li l-membri involuti għandhom jiltaqgħu wara l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. *Cleaning Strategy*

2.10 Dwar punt 6 dwar appell għal proġett Townsquare s-SE informa li l-appell daħal. *Proġett Townsquare*

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINKDU

3.1 Is-Sindku informa li kienet issejħet laqgħa tal-kumitati tal-finanzi u peress li ma kienx hemm kworum din ma saritx għalkemm ġew innotati xi punti: *Laqgħa kumitat finanz/tenders*

1. Is-SE informa li issa l-proċedura għal ftuħ u aġġudikazzjoni ta' tenders issa saret *on line* u kull rapport jiġi *uploaded*.
2. Is-SE informa li l-Kunsill għandu memo mid-DLG li jrid jsegwi dan il-proċess.
3. Fil-bord, għandu jkun hemm tlett kunsilliera u zewġ membri oħra li ma jagħtux il-vot tagħhom.

3.2 Is-SE informa li bħalissa hemm tenders tal-Gnien u għaddha l-i*specifications* lill-inġinier.

3.3 Is-SE informa li l-Kunsill se jkun qiegħed joħroġ tenders tal-accounts, tabelli u sinjali u tad-dawl tal-ġnien. Informa wkoll li issa

ħadd ma għandu jħallas għat tender u m'hemmx bzonn li jkun hemm garanzija bankarja.

3.4 Kien hemm qbil ukoll li l-bord għat-*tenders* issir *by rotation*. Is-SE informa li kull min irid jipparteċipa irid juza l-email tal-gov. Il-Kumitat m'hemmx għalfejn jiddeċiedi dak il-ħin u jista jsejjaħ għal interview f'kaz li jkun hemm bzonn. Kull evalwazzjoni tibqa li titressaq Kunsill għal deċizjoni finali.

3.4 Kien hemm ftehim li għat *tenders* li jmiss se jkunu: Is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku li dawn se jkunu iz-zewġ membri li ma jivvotawx. Il-Kunsilliera M. Aquilina, J. Pillow u P. Radmilli se jkunu t-tlett membri l-oħra. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet jekk jistax ikun hemm *replacement* f'kaz li kunsillier ma jkunx jista jattendi. Is-SE wieġeb li le għaliex dan ikun diġa reġistrat b'email.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal proġett tal-MIDI u issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob kopja tal-kuntratt u l-pjanti relattati biex il-Kunsill jivverifika li jekk irid jitħalla aċċess għall-pubbliku dan irid isir. Il-Kunsillier M. Briguglio qabel ma dan u qal li importanti li l-izviluppaturi jimxu mar-regolamenti u l-kuntratt. *Proġett MIDI*

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm wirt storiku li hija l-Batterija ta' Tigne li din indiffnet bl-izvilupp li qiegħed isir. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mas-*Superintendent of Cultural Heritage*. Is-Sindku qal li l-kuntratt għandu l-obbligi tiegħu u jekk dawn ma jimxux miegħu għandhom jieħdu azzjoni l-awtoritajiet konċernati. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li l-Kunsil jitlob li ssir investigazzjoni bħal ma sar ta' Manoel Island. Il-Kunsilliera M. Aquilina rrimarkat li l-Kunsill għandu jiċċekkja fuq tas-Sliema u ma nidħlux f'affarijiet oħra.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.19PM*

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-*foreshore* għandu jinfetaħ. Il-Kunsillier M. Brigulio issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lil Lands biex nizguraw li dak li hemm fil-kuntratt qiegħed jiġi segwit u fejn jidħol *heritage* ninvolvu *Supt. Cultural Heritage* biex jiċċekkja l-post u ngħaddu r-ritratti li għandna. Kien hemm qbil dwar dan.

3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill se jiltaqa ma' PA u ERA biex jiġi diskuss li il-bini li jkun qiegħed jingħata l-permess ta' blokkok b'numru ta' appartamenti għalih jiġi kkunsidrat li jkun hemm post għall-iskart. *Laqgħa mal-PA u ERA*

3.9 Dwar l-RPZ is-Sindku informa li l-Kunsill se jkun qiegħed jibgħat ittra bi protest giudizzjarju biex jispjega l-fatt li fil-prinċipju ma naqblux li tneħħiet f'Tas-Sliema biss. Madanakollu l-Kunsill se jkun qiegħed jistenna xi tip ta' djalogu u lest li jiddiskuti ideat oħra bħal ħinijiet oħra eċċ. Is-Sindku fakkar ukoll li skont l-aħħar survey li sar ir-residenti iridu din l-iskema li sseħħ. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li tajjeb li navzaw il-press. *RPZ*

3.10 Is-Sindku tkellem dwar Bialystok u li dawn ressqu draft 'letter of intent' li ġiet ċirkulata mal-Kunsilliera. Kien hemm qbil dwar dan. *Bialystok*

3.11 Is-Sindku informa li l-Bazilikata talbu li dawn ikunu *twinned* mal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

3.12 Ġiet diskussa biex terġa titpoġġa *sleeping policemen* fi Triq Sant' Elena. Il-Kunsill qabel li jrid jkun hemm il-firem ta' fejn se tiġi għaliex normalment wara li titpoġġa *sleeping policemen* ir-residenti stess li jkunu talbu għaliha, jitolbu li titneħħa minħabba l-istorbju. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li min ikun irid l-*isleeping policeman* ikun lest li titpoġġa quddiem ir-residenza tiegħu. *Sleeping policeman*

3.13 Il-Kunsill fakkar li għandha tinbiddel id-direzzjoni tat-traffiku minn Blanche Huber għal Trejqet Sant' Injazju. Is-SE għandu jerġa jikteb lit-TM *Direzzjoni tat-Traffiku*

3.14 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar ir-*reserved parking* u qal li hemm bzonn induruhom u naraw għax ħafna minhhom għadhom bin-*number plate* personalizzati meta dawn jistgħu jintuzaw minn kull min għandu *blue sticker*. Il-Kunsill għandu jibgħat lit-TM biex jiċċekkjaw dawk li huma illegali/legali. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw talbet li għandu jkun hemm aktar *reserved parking* għal *blue badge holders* f'toroq aktar ċentrali. *Reserved parking – disabled*

**4. KORRISPONDENZA**

4.1 Ma kienx hemm aktar korrispondenza

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

5.1 Tressqet il-lista tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni tal-pagamenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

5.2 Kien hemm suġġeriment li jsiru *floodlights* biex jizdied aktar dawl fiz-*zebra crossing* ta' Rue D'Argens. Kien hemm qbil dwar dan. *Dawl zebra crossing*

5.3 Il-Kunsillier P. Portelli talab li inzidu d-dawl fiz *Zebra Crossing* ta' Triq Dingli (l-parti ta' fuq).

5.4 Il-Kunsillier P. Portelli talab li terġa titpoġġa *sleeping policeman* fi Triq Annunzjata max-Xatt. Kien hemm qbil għaliex f'dik il-biċċa m'hemmx residenti. *Sleeping policemen*

**6. QSARI MQEGĦDA FUQ BANKINI**

6.1 Is-Sindku informa li qiegħed jirċievi diversi ilmenti dwar il-pots tar-residenti li qegħdin jingumbraw l-bankini.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif ir-responsabbilta legali tal-Kunsill hija li jitħalla l-aċċessibilita fuq il-bankini. Il-Kunsillier J Pillow qal li bl-istess argument għandhom jitneħħew l-istands tax-Xatt li qegħdin jizgumbraw l-aċċess.

6.3 Il-Kunsillier P. Portelli qal li wieħed irid jara jekk dawn jistgħux jiġu mizbura jew le għaliex jekk iħallu access u qegħdin isebbħu l-ambjent, il-Kunsill m'għandux ineħħi din l-inizjattiva wkoll. Il-Kunsill għandu jara kaz, kaz. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill għandu jara dawk l-iktar gravi.

6.4 Kien hemm qbil li nduru kaz, kaz, tintbgħat l-ewwel ittra lil dawk li qegħdin jingumbraw l-aċċess u eventwalment jitneħħew mil-Kunsill, f'kaz li jibqgħu ma jitneħħewx.

**7. AĠĠORNAMENT FUQ IL-CLEANING STRATEGY**

7.1 Ġie nnotat li l-*poster* mil-Greenpak ġie stampat u qiegħed jitqassam. Il-Kunsilliera P. Portelli u J. Pillow indikaw li m'hemmx imnizzel li irid jinħareġ sa siegħa qabel biss.

7.2 Is-Sindku spjega li sar *review* fil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart u hemm ċans li jibda jsir ft-tmienja minflok fis-7pm u l-istess ħin ikun għas-Sibt biex ikun kollox l-istess. Dan isir la darba ikun hemm qbil bejn iz-zewġ partijiet.

7.3 Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li tintbgħat ittra personalizata lil kull resident. Il-Kunsill għandu jitlob lil Maltapost għal kwotazzjoni u naraw kemm għandna residenti (households) f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil dwar dan.

7.4 Is-SE issuġġerixxa li jitqassam kalendarju għas-sena 2017 li fuq jkun hemm il-ħinijiet u l-ġranet stabbiliti. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li l-kalendarju ikun fil-paġna tan-nofs tal-magazine tal-Milied u jitqassam awtomatikament. Kien hemm qbil dwar dan.

7.5 Il-Kunsillier J. Pillow talab li jsiru adverts fuq *facebook*. Kien hemm qbil dwar dan.

7.6 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-appartamenti/ *guest houses* fuq bazi ta' *bed and breakfast* għandu jkollhom kuntrattur privat għalihom. Kien hemm qbil dwar dan.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata mis-seduta fit-20.58*

Dwar il-*European Week of Waste Reduction*, il-Kunsill se jkun qiegħed jiltaqa mal-MTA U MHRA biex jiġi diskuss kif jista jagħti l-kontribut tiegħu għall-lokalita.

7.7 Is-Sindku issuġġerixxa li jistgħu jsiru xi posters fuq *foam board* bħal 'Keep my locality clean' . Kien hemm qbil u għal *wording* għandu jiġi konfermat iktar tard.

7.8 Is-Sindku informa l-*green wardens* qegħdin iduru u josservaw l-affarijiet relatati mal-ambjent.

7.9 Is-Sindku fakkar li l-kuntratt tal-knis se jiskadi fi Frar 2017. Kien hemm qbil li għandha ssir diskussjoni għal aktar frekwenzi fil-knis tat-toroq.

## *8. PUNTI OHRA*

8.1 Il-Kunsillier D. Muscat tkellem dwar l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

8.2 Is-seduta ġiet sospiza u tħabbru r-rebbieħa għall-attivita tal-Gimgħa 14 t'Ottubru, 2016

*8.3 Premijiet ingħataw lis-Sur Edwin J. Meli (late), Is-Sur Joseph Farrugia, Is-Sur Tony Teribile u l-Kirurgu Alex Manche.*

*Seduta kompliet*

8.4 Il-Kunsillier D. Muscat ta' l-ispjegazzjoni tal-ispejjez u informa li l-ispiza se tkun madwar Ewro 8,000 u se jkollna *sponsors* ukoll.

8.5 Dwar ir-riċeviment għal-Gimgħa 14 ta' Ottubru il-Kunsill ressaq tlett stimi u l-Kunsill qabel li nagħzlu lil Simler.

8.6 Il-Kunsillier D. Muscat spjeġa kif se tkun imqassma l-attivita tal-Gimgha u li se tkun bl-inviti. Spjega ukoll dwar il-mixja kulturali tas-Sibt u attivitajiet oħra relatati.

8.7 Is-Sindku ressaq it-talba mil-kumpanija DHL biex għal konvenjenza tal-pubbliku ikun hemm *stand* b'*cupboard*, fil-viċinanzi tal-Kunsill, għall-uzu tal-pubbliku. Il-Kunsill qabel ma dan u talab li għandu joffri kumpens ta' madwar Ewro 1500 kull sena u li għandu jkun hemm ftehim bil-miktub. *DHL*

8.8 Is-Sindku informa li se ssir *European Week of Regions* ġewwa Brussels f'Ottubru 2016. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-flight. *European Week of Regions*

8.9 Is-SE informa li kien skema għal library mid-DLG izda din inqabbzet id-data bi zball. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jinxtraw kotba għall-librerija bis-somma ta' Ewro 1200. *Librerija*

8.10 Is-Sindku informa li tlesta r-*refurbishment* fil-Berga. Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġġeriet li għandu jkun hemm ftuħ uffiċċjali. *Berga*

8.11 Il-Kunsill ġie infurmat bil-proġett tal-Imperial Hotel li din se ssir Dar għall-Anzjani.

**9. AGGORNAMENT**

9.1 Is-seduta intemmet fl-21.47. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum 27/10/2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |